Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 141 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Roderick Sammut

Illum 13 ta Settembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Roderick Sammut detenur tal-karta tal-identita Maltija 9886 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli ghax-xahar ta' Novembru 2017 u Ottubru 2017, gewwa l-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghrnula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1) Naqas li jaghti lil Charmaine Abela, is-somma ta' tlitt mitt ewro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9

tal-Ligijiet ta' Malta; Sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Sammut, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;
2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Roderick Sammut li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi meta l-appellant sar jaf bl-obbligi tieghu ta' manteniment, huwa ma kienx qieghed jahdem, konsegwentament ma kienx fil-pozizzjoni li jirregola l-pozizzjoni tieghu;
2. Illi minnufih, l-appellant beda jfittex xoghol sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment dovut, izda kien qieghed f' sitwazzjoni fejn ried ihallas tlett mitt ewro fix-xahar bhala manteniment u ried ihallas l-arretrati tal-manteniment sabiex ikun jista' jirregola l-pozizzjoni tieghu;
3. Illi l-appellant ghamel dejjem l-ghalmu tieghu sabiex jasal ihallas dak dovut, izda fl-udjenza mertu ta' dan l-umli appell, l-appellant ma kienx fil-pozizzjoni finanzjarja li jirregola l-pozizzjoni tieghu rigward il-manteniment dovut. Madankollu, l-appellant umilment jissottometti li l-agir tieghu ma kienx imqanqal min-nuqqas ta' tharis tal-obbligi tieghu, izda minhabba cirkostanzi partikolari li mpedewh milli jadixxi mal-obbligi tieghu;
4. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment ihoss li jekk jintbaghat xahrejn prigunerija, huwa jkun ulterjorment prekluz milli jilhaq l-obbligi tieghu, u tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu Sherona Sammut;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti ukoll, li barra minn dan, il-piena inflitta fil-konfront tieghu ma kienetx wahda idonea. Fil-fatt l-appellantinstab hati bi ksur taal-Artikolu 338 (z) u 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reati huma ta' natura kontravvenzjonali;
6. Illi l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Maltajelenka l-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravenzjonijiet, li huma: id-detenzjoni, l-ammenda u c-canfira jew twiddiba;
7. Illi konsegwentament, l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghet qatt tinfliggi l-piena ta' xahrejn prigunerija fil-konfront tieghu, meta ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena tista' tinghata biss ghad-delitti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Semghet lill-parte civile tiddikjara fis-seduta tas-6 ta' Settembru, 2018 li l-appellant ma kienx ghadu hallasha l-ammont dovut skond id-digriet tal-Qorti Civili (sezzjoni Familja) u ghalhekk kien ghad fadallha tiehu s-somma ta' tlett mitt euro (€300).

Seduta stante l-appellant stqarr li jekk jinghata ftit ta zmien u cioe' posponiment kien lest li ihallasha.

Il-Qorti ghalhekk ipposponiet il-kawza ghal aktar tard. Meta regghet issejhet il-kawza l-appellant deher flimkien ma l-avukat difensur tieghu u ghadda s-somma ta' tlett mitt euro (€300) lil Charmaine Abela bhala manteniment ghal binthom minuri Sherona Sammut ghax xahar ta' Ottubru, 2017.

Illi in segwitu Charmaine Abela iddikjarat li xtaqet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali taghha u li kient qed tahfer lill-appellant.

Il-Qorti hawnhekk taghmel refernza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Josric Mifsud vs Francis Saliba**[1] **fejn gie ritenut li:-**

---

[1] Deciza fid-19 ta Lulju 2016. (mill Qorti tal Appelli Kriminli ( seduta ta' Ghawdex)

*" Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf millġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u uliedu.*

*B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill- obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment".*

Din il-Qorti innotat li l-appellant lli kellu ihallas lil-martu is-somma ta' tlett mitt euro (€300) kellha tistenna aktar minn ghaxar (10) xhur sabiex tithallas il-manteniment ta' bintha minuri minkejja l-ordni tal-Qorti. Filwaqt li tapprezza li finalment l-appellant hallas id-debitu tieghu, zgur li mhux accettabli li dan isir ghaxar xhur wara. Jinghad li l-ligi tesigi li l-hlas isir sa zmien hmistax-il jum ta' meta ikun dovut.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' prigunerija mposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi, waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm nuqqas ta' pagament wiehed u cioe' Ottubru 2017.

Il-Qorti ma tistax taghti lis-socjeta' tifhem li una volta dak li jkun ihallas il-manteniment allura qisu ma kien hemm l-ebda infrazzjoni tal-ligi. Dan qed jinghad ghaliex altrimenti l-Qorti tkun indirettament qed tikoraggixxi lil dak li jkun jinki lil mara jew lill-uliedu u jghamel l-pagament b'mod tardiv. Dan mhux accettabli u ghalhekk stante li l-hlas sar tardivament l-appellant ser ikollu ihallas ammenda addizzjonali u dan bil-ghan li darb ohra l-pagament dovut ai fini ta' manteniment isir fi zmien proprizju tieghu u cioe' meta jkun dovut. Dan hu l ahhar chance li ser jingahta minn din il-Qorti.

Il-Qorti tinnota li l-appellant diga' instab hati ta' dan it-tip ta reat fil-passat u dan qed jirrizultalha minn ezami tal-fedina penali tieghu u ghalhekk qed twissih li jekk jerga' jidher quddiemha mhux ser ikun hemm l-ebda kambjament fil-piena. L-obbligi tieghu u responsabilita' tieghu lejn bintu minuri ghandha tkun ta' importanza kbira f'hajjet l-appellant u ghalhekk f'kaz li jonqos minn din ir-responsabilita' din id darba ser isib l-id kiefra tal-ligi u jiffacja sentenza ta' prigunerija effettiva.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Roderick Sammut billi tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi odjerni pero' limitatament ghax-xahar ta' Ottubru, tikkancella fejn kkundannat lill-istess appellant għal xaghrejn prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta'sitta u hamsin euro (€56).

Il-Qorti tordna lill-imputat Roderick Sammut jħallas l-ammenda imposta fuqu minnufih.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef